MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 563/2005

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Freyja Co Ltd**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi gie pprezentat fit-28 ta’ Frar, 2005 fejn intalab illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u tlieta u disghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,293.81) rapprezentanti mill-ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma’ contract number 10325 rigward servizzi rezi fix-xhur ta’ bejn Dicembru 2003 u Mejju 2004.

Ra li s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ lil Dr Ivan Gatt ghan-nom tas-socjeta` attrici jikkonferma bil-gurament tieghu seduta stante illi l-ammont mitlub f’dina l-kawza ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet imsejjha diversi drabi baqghet ma deheritx ghas-seduta tal-lum 6 ta’ Novembru, 2006.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentament ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u tlieta u disghin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,293.81) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-ittra ufficjali datata 7 ta’ Jannar, 2005 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------